MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 95/2009

***Emmanuel Micallef (ID 81755 (M))
u Mary Micallef (ID 486956 (M)***

***Vs***

***Anthony Zarb***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-atturi li talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800), lill-atturi u dan rapprezentanti somma flus li l-atturi kellhom ihallsu bhala garanti ghall-konvenut lil *HSBC Bank Malta p.l.c*.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Eccepixxa ukoll illi s-somma mitluba mhix dovuta.

Illi t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li l-konvenut kien neputi taghhom u kien issellef is-somma ta’ elf u mitt lira Maltin (Lm1200) u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn, seba’ mija u hamsa u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,795.25) u dan sabiex jixtri vettura, ghaliex il-Bank ma riedx isellfu.

Kienu ftehmu li kellu jhallas mitt lira Maltin (Lm100) u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) fix-xahar.

Il-konvenut jispjega li kien issellef dan l-ammont mill-Bank u kienu ghamlu ftehim mal-Bank stess, u kien dahal bhala garanti mal-Bank ghan-nom tal-konvenut.

Il-pagamenti ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) fix-xahar, kellhom isiru direttament lill-Bank. Kien hemm xi pagamenti li saru u l-konvenut kien tah l-impressjoni li kien qed ihallas regolarment, tant li darba minnhom kien rah bil-flus f’idejh.

Kien ftit wara li kien ircieva ittra minghand il-Bank biex ihallas l-ammont ta’ elf u tmien mitt Ewro (€1,800) u kien hallas, flimkien mal-imghaxijiet u dan peress li kien dahal bhala garanti.

Ra x-xhieda ta’ Dr Daphne Dodebier, li spjegat kif l-attur kien dahal bhala garanti mal-Bank u kien ta plegg favur il-Bank a favur tal-konvenut, li ma kienx wasal biex jissalda l-pagamenti u ghalhekk il-Bank kien ezegwixxa kontra l-attur.

Wara li hallas ghal habta ta' Settembru, 2008 kien ghamel ftehim bil-miktub mal-konvenut li kellu jhallas mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar u l-ewwel pagament li ghamel kien f'Ottubru, pero' kien hallas mija u hamsin Ewro (€150) ghax qal li l-paga kienet ghadha ma wasslitx.

Imbaghad il-pagament l-iehor kien ta' mitt Ewro (€100) li baghat ma' bin l-attur u ghalhekk b'kollox kien fadal bilanc ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600), flimkien mal-imghaxijiet.

Il-kawza giet mhollija diversi drabi sabiex il-konvenut jipproduci x-xhieda tieghu, izda dan ma sehhx.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra
L-atturi qedghin jitolbu li jithallsu s-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800), somma li huma hallsu lill-HSBC Bank Malta p.l.c. peress li kienu garanti fuq self li nghatalhom a favur il-konvenut.

Dr Daphne Dodebier ikkonfermat li kien hemm dan il-ftehim mal-Bank, tant li l-attur kien taghhom plegg, bhala garanzija.

Il-plegg, precisament jinghata sabiex jekk kemm il-darba, d-debitur tal-Bank jonqos li jonora l-pagamenti, l-Bank ikollu mohhu mistrieh li jista' jdur fuq min qed jaghmel tajjeb ghal dan is-self, f'dan il-kaz l-atturi.

Jirrizulta mill-provi li l-atturi kienu hallsu l-Bank, meta gew avvzati li l-konvenut ma kienx hallas id-debitu li kellu maghhom u dan jirrizulta ukoll mill-i*statements* esebiti mill-Bank.

Gie kkonfermat li l-atturi hallsu s-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) lill- Bank u sussegwentement regghu ghamlu ftehim mal-konvenut sabiex ihallashom lura u fil-fatt ghamlu skrittura f'dan is-sens u l-konvenut obbliga ruhu li jhallas mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar u kull ma kien hallas kien prattikament dan l-ammont ghal

darba maqsum f' zewg pagamenti u xejn aktar u ghalhekk kien hemm bilanc ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600).

Il-konvenut ma gab ebda provi sabiex jopponi ghal dak li kien qed jigi sottomess mill-atturi u ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li l-verzjoni tal-atturi hija ukoll msahha mix-xhieda tal-avukat tal-Bank, Dr Dodebier, li tikkonferma li l-atturi kienu hallsu l-ammont ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) u kienu ghamlu dan fil-kapacita' taghhom bhala garanti tal-konvenut fuq dan is-self mill-Bank.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, fis-sens li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sa' mid-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------